# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Erbgha, 8 ta' Gunju, 2016

**Talba Nru: 149/16 DMA**

**Ballut Blocks Services**
**(C 8360)**

**Vs**

**Mansaray Abubakar u martu Vanya Josette Mansaray**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' April, 2016 fejn is-socjeta' attrici talbet is-somma ta' elf hames mija sebgha u disghin ewro u tnax il-centezmu (€1,597.12) mitluba b'dan l-avviz tirrapprezenta bilanc dovut mil-konvenut lis-socjeta' attrici ghal Concrete u kiri ta' Concrete Pump u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici, fuq inkarigu tal-istess konvenuti, u dan skond ma jirrizulta mill-istatement hawn anness (Dok.BBS1) u mad-delivery notes relattivi (Dok. BBS2).

Illi minkejja id-diversi interpellazzjonijiet, inkluz permezz ta’ ittra Ufficjali mibghuta ai termini tal-Art. 166A tal-Kap 12, datata 29 ta’ Settembru, 2015, l-konvenuti baqghu inadempjanti u ma hallsux.

Ghaldaqstant kellhom jittiehdu dawn il-proceduri:

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta’ Settembru 2015 u bl-imghax legali mit-12 ta’ Mejju, 2015 sad-data tal-pagament kontra s-socjeta’ konvenuta li rapprezentanti taghha, bl-ingunzjoni in subizzjoni taghhom.

Il-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u lanqas ipprezentaw risposta ghat-talba mitluba kontrihom.

Xehed Ettiene Zammit ID. 567378(M) bhala Financial Controller tal-Kumpanija attrici li nforma lit-Tribunal li l-konvenut hallas mitejn ewro (€200) u l-ammont mitlub u dovut huwa ta’ elf tlett mija sebgha u disghin ewro u tnax il centezmu (€1,397.12). Jikkonferma ukoll l-ammont ghadu dovut.

It-Tribunal wara li semgha lix-xhud jilqa’ it-talba attrici kif dedotta u jikkundanna lil konvenuti in solidum bejnithom ihallsu l-ammont ta’ thallas l-ammont ta' elf tlett mija sebgha u disghin ewro u tnax il centezmu (€1,397.12).

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuti.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**